

# Fqar kienu l-Melleħin, imma kuntenti b'li kellhom

*Mons. Mosè Debono*

Sa madwar 40-50 sena ilu, il-poplu tal-Mellieħa, fqir kien, imma kulħadd kien kuntent bil-ftit li kellu. Ma kinux iħarsu għall-bogħod, u ma kinux jixxenqu għall-ħafna. L-aqwa li jkollhom il-biżżejjed għall-familja.

Bdiewa l-aktar li kienu, imma kien hemm ħafna oħra nies tas-snajja': mastrudaxxi, landiera, bennejja, bajjada, ħajjata, nisa jagħmlu l-bizzilla; imbagħad, kien hemm is-sajjieda, u kien hemm it-tunnara, li kienet karatteristika għall-Melleħin biss, f'Malta u Għawdex kollu. L-għalliema fl-iskejjel tal-Gvern kienu ħadu kważi t-tmexxija f'idejhom u minn dak inhar 'l hawn, l-Iskola Elementari tal-Gvern, dejjem żammet grad għoli ta' tagħlim. Anke meta ddaħħlet l-Iskola Sekondarja tal-Bniet fil-Mellieħa, kienet tgawdi unur kbir f'Malta kollha.

Imma jibqa' l-fatt li l-biedja, fil-Mellieħa, kienet l-aktar fattur tal-għajxien tal-familja. L-irġiel, tista' tgħid, ma kinux jafu b'mistrieħ; iqumu kmieni, fl-erbgħa ta' filgħodu, qabel imorru għax-xogħol fir-raba' tagħhom, imorru jisimgħu l-Quddiesa tal-ewwel, f'xi l-erbgħa u nofs, aktarx flimkien ma' marthom; jaslu fl-għalqa u jibda x-xogħol: jaħrat jew jagħżaq, jorbot il-bagħal ħalli jdawwar is-sienja ħalli ttella' l-ilma mill-ispiera, u jiftaħ il-brejkijiet tar-raddiena tal-mithna tar-riħ – l-"*Air Motor Chicago*" – isaqqi – issa jiftaħ il-kanali biz-zappuna, issa jħalli l-ilma dieħel waħdu fil-kanal biex imur jikser l-ilma fuq linja oħra. Ġie li kien jara li l-gandotti tal-ġebel kienu jkunu miksurin, u kellu joqgħod jimlielhom bit-tafal artab biex isoddhom.

Il-mara tal-bidwi kienet bieżla u taħdem daqsu. Xejn ma kienet tiddejjaq tagħti biz-zappuna jew biz-zappun – wiesgħa pied – u lanqas kienet taħsibha darbtejn biex terfa' piż tqil fuq spallejha jew fuq rasha. U lanqas kienet tirtira kmieni wisq meta tkun waslet biex twelled tarbija – għax dak iż-żmien ma kienx hemm għalfejn li, mara qabel ma ssir omm, trid toqgħod tagħmel xi kwalità ta' ġinnastika – għax il-ġinnastika kienet tagħmilha bix-xogħol tar-raba' flimkien ma' żewġha.

Il-bdiewa kellhom il-qiegħa għad-dris tal-qamħ, tax-xgħir u tal-kuċċarda. Kienu jqattgħu Lulju u Awwissu – f'xemx taqli l-ankri – fuq il-qiegħa - iduru bil-bhejjem tagħhom fuq it-tiben bil-qamħ mifrux fuq il-qiegħa. Il-bhejjem li kienu jużaw għal fuq il-qiegħa kienu: il-bagħal u l-ħmara. Qatt ma rajt żwiemel fuq il-qigħan tal-Mellieħa, u mhux żgur jekk qattx rajt baqra tidres fuq il-qiegħa. Dak iż-żmien, ma kontx tara ħobż mormi barra. Għaliex? Għax anke t-tfal kienu jsiru jafu kemm toħroġ tbatija sakemm il-ġenituri tagħhom jimlew ftit xkejjer bil-qamħ biex ikollhom biex jgħixu l-familja matul is-sena.

L-għodda tal-bdiewa kienu l-bagħal, il-karrettun, iz-zappuna, iz-zappun, il-fiesa, il-moħriet, il-lexxuna, is-sienja, il-mitħna tar-riħ, xi bdiewa kellhom il-mutur li jtella' l-ilma mill-ispiera.

Barra milli l-bdiewa riedu jaħsbu għall-qamħ biex ikollhom moħħhom mistrieħ għall-ikel matul is-sena – sal-istaġun ta' sena oħra – riedu jaħsbu wkoll għall-għalf (ikel) għall-bhejjem tagħhom. U minħabba f'hekk, kienu jibnu djarhom, b'kamra kbira (għorfa) biex fiha, jaħżnu l-għalf: tiben, kuċċarda ħarrub, biex jitimgħu lill-bhejjem tagħhom matul is-sena. L-għorfa kienet tkun mibnija faċċata tan-Nofsinhar, ħalli tkun milħuqa mix-xemx – biex l-għalf ma jimmuffax.

Tista' tgħid li kull familja Melleħija kellha parti mid-dar bi stalla – kemm jekk il-familja kienet bidwija, u kemm ma kinitx. Fqar kienu l-familji, imma l-"bieżel qatt ma miet bil-ġuħ". Fl-istalla kont issib: tiġieġ, fniek mogħża jew nagħġa, u ħamiem. Mela l-familja kienet isserraħ rasha mil-laħam tal-fniek, mill-bajd tat-tiġieġ, mill-ħalib tan-nagħġa jew mogħża. Jiġifieri kellhom moħħhom mistrieħ minn dak li hu l-essenzjal għall-familja. U mhux dan biss, għax, tista' tgħid, kull familja kellha roqgħa raba' li fiha, il-missier, wara x-xogħol, kien imur iqatta' sagħtejn fl-għalqa tiegħu, u kien jagħmel ħxejjex u

siġar tal-frott, li minnha kien jiġbor il-Barka t'Alla, għall-familja.

Imbagħad, il-bdiewa rġiel, kellhom biċċa xogħol oħra x'jaqdu f'xogħolhom: dik li jieħdu l-biegħa tagħhom mill-Aħrax tal-Mellieħa, mill-Qammieħ, minn Qasam Barrani, minn Għajn Żejtuna, l-Imġiebaħ, l-Imxaxa, Għajn Żnuber, il-Miżieb, ix-Xagħra l-Ħamra, lejn il-pitkaliji ta' Birkirkara, ir-Rabat, il-Marsa u Bormla. Kont tarahom jitilqu b'karettun mimli frott u ħxejjex, miġbud mill-bagħal, għall-ħabta tal-għaxra u l-ħdax ta' bil-lejl, sejrin lejn il-pitkaliji li semmejt iktar 'il fuq, biex jaslu kmieni u jkunu minn tal-ewwel għand il-pitkal. U hu u ġej lura, il-bidwi, ma kienx jiġi lura b'karrettun vojt, imma kien jgħaddi x'imkien ieħor, biex jgħabbi vjaġġ demel. U xħin jasal, ma kienx imur jorqod, imma minnufih kien jorbot il-bagħal fis-sienja, jew jibda jaħrat, jew xi xogħol ieħor. Hawn, jiġifieri li, lanqas il-bhejjem ma kien ikollhom żmien biżżejjed biex jistrieħu. Imma kemm il-bhejjem u kemm il-bdiewa kienu jistrieħu sewwa nhar ta' Ħadd.

Għedna li l-bdiewa, kemm l-irġiel u kemm in-nisa tagħhom, kienu jqumu kmieni għax-xogħol, u jirritornaw lura tard wara nżul ix-xemx, imma l-Quddiesa ta' qabel ix-xogħol, qatt ma kienu jħalluha. Ridt ngħid ukoll li l-bdiewa huma u jkunu ġejjin lura lejn id-dar rikbin fuq il-karrettun, kienu jgħidu r-rużarju. Minn fuq fomm dawk in-nies, kont, ta' sikwit, tisma'; "Ikun imbierek Alla, kemm għamlet xita, kemm irnexxa dan l-istaġun, kemm ġbarna qamħ din is-sena, kemm għamel għeneb, patata, qar'aħmar, frott!" Kienu jafdaw ruħhom fil-Providenza t'Alla.

Imbagħad, niftakar, li l-familji, tista' tgħid kollha, kienu b'ħafna tfal – jien stess wieħed minn erbatax. U qatt ma rajna lill-ommijietna ddisprati, nervużi jew qalbhom maqtugħa. Veru li l-ħajja ma kinitx mgħaġġla bħal-lum. Id-dar, filgħaxija, il-membri kollha tal-familja kienu jinġabru madwar il-mejda tal-ikel – fid-dawl tal-lampa tal-pitrolju (madwar 60 sena ilu), jaqbdu xi argument, jiddiskutu fuq xi problemi l-aktar meħtieġa għall-ħajja, jgħidu ħames posti Rużarju, u jorqdu b'moħħhom mistrieħ, u jistrieħu wara ġurnata xogħol biex l-għada filgħodu jkollhom enerġija biżżejjed, ħalli jerġgħu jqattgħu ġurnata oħra xogħol.

Niftakar li ħafna mill-irġiel – kemm bdiewa u kemm irġiel oħra tas-snajja', meta kienet tkun festa bil-purċissjoni bl-istatwa tal-Vitorja, jew tal-Madonna tar-Rużarju jew ta' San Ġużepp, jew tal-*Corpus Somini*, jew tal-Qalb ta' Ġesù – bis-Sagrament tal-Ewkaristija, kont tarhom libsin ta' Fratelli fil-Fratellanzi tar-Rużarju, ta' San Ġużepp u tas-Sagrament, b'dik l-eleganza kollha: b'konfratija bajda llamtata pjegata b'pjiegi ta' nofs pulzier jew ftit aktar (madwar żewġ ċentimetri), libsin l-ingravati bojod – dawk li jżommu l-baldakkin, tal-lanterni, tas-slaleb u tal-istandardi, filwaqt li l-oħrajn kien ikollhom it-torċi jixegħlu f'idejhom. Jekk matul il-ġimgħa tax-xogħol kienu jxiddu l-qrieq f'riġlejhom, f'ċirkostanzi solenni bħal dawk li semmejna kienu jilbsu par żraben suwed u bblakkati sewwa.

Fqar kienu l-familji, imma kont issibhom kuntenti b'li jkollhom, u ma kinux iħarsu fil-bogħod – għax il-ħajja kienet sempliċi, u fil-faqar, ħadd ma kien jgħolli rasu 'l fuq milli kien ħaddieħor. Konna tfal, ma kienx ikollna biex nilagħbu; imm'aħna s-subien, konna nivvintaw xi ħaġa biex nilagħbu: karrettun bir-roti u ntellqulu mill-Mitħna sa ħdejn it-*Tunny Net*, biż-żugraga u ċ-ċippitatu bil-frosta jew b'ċirku tal-ħadid, ballun, nonżbu għall-pitirrossi, nibnu l-kampijiet u nilagħbu ta' Torok kontra l-Maltin, billi l-Maltin kienu jkunu moħbijin taħt il-ħajt tal-parapett tal-Pjazza tal-Parroċċa, u t-Torok, isfel, u riedu jixxabbtu u jitħabtu biex jitilgħu sa fuq iċ-ċint. U aħna – il-Maltin, x'ħin konna narawlhom il-pali ta' jdejhom fuq iċ-ċint, konna nagħtuhom bil-ponn fuq idejhom biex jaqgħu 'l isfel. Ftakru, li ċ-ċint li hemm illum, m'ilux li sar ħlief ftit snin ilu. Il-bniet kellhom: iż-żibeġ, il-passju, il-pupa, u l-logħob tal-kċina. Ma konna noħolmu qatt li noħorġu niddevertu x'imkien barra mill-Mellieħa. Iżda l-ġenituri tagħna għallmuna napprezzaw il-Festi Reliġjużi. Missieri kien jeħodna naraw il-Knejjes armati għall-Festa, kemm f'Malta u kemm f'Għawdex. Ommi wkoll kienet tħobb tara l-knejjes armati sabiħ għall-Festa, u konna nkunu l-familja kollha nieħdu gost bl-armar tal-knejjes, tat-toroq, tal-baned u tan-nar. Missieri kien jaf japprezza ħafna x-xogħlijiet tal-arti u s-sabiħ.

Fqar kienu l-familji Melleħin, imma bnew Tempju kbir u sabiħ, b'arkitettura Barokka, Barokka ssinplifikata. Mitt sena ilu l-għotja l-aktar komuni għall-knisja kienet it-tliet ħabbiet u s-sitt ħabbiet. Imma kien hemm volontarjat qawwi biex inbniet il-Knisja Parrokkjali li għandna llum. Il-Knisja Parrokkjali tlestiet mill-bini – barra l-kampnari – fl-1897, imma d-dejn fuq il-bini tal-knisja baqa' jkarkar sal-1930. Imbagħad, ġiet ikkonsagrata. Niftakar li kull nhar ta' Ħadd – filgħodu, jew filgħaxija, taħt il-parapett ta' quddiem il-Każin La Vittoria, kien ikun hemm is-Sagristan Karmnu Gauci, b'xi qfief bil-frott jew b'xi annimali żgħar, jew b'xi għoġla, jew b'xi tonnu mogħti mill-ħaddiema – sajjieda tat-Tunnara tal-Mellieħa, biex itellagħhom lotterija, jew bi rkant għall-bżonn tal-ispejjeż tal-Knisja. Anke jiena, meta abbati ta' madwar tmienja jew għaxar snin, ta' kull nhar ta' Sibt, kont noħroġ ma' abbatini ikbar minni. Induru bieb bieb, fit-toroq kollha biex, kull familja, jekk jogħġobha tagħti "sold", għall-

bżonnijiet tal-Knisja. Konna noħorġu b'kaxxa tal-injam ta' madwar pied għoli (tletin ċentimetru), u xi erba' pulzieri (xi għaxar ċentimetri) wiesgħa, u fuq in-naħa ta' fuq b'toqba dejqa mċarrta madwar pulzier u nofs (erba' ċentimetri), li minnha kienu jgħaddu s-soldi.

L-aħħar gwerra, niftakarha sewwa – għax kelli tnax-il-sena. Tliet subien biss konna noħorġu mill-Mellieħa għal Skejjel Sekondarji: Godfrey Wettinger li sar professur fl-Università ta' Malta, Edward Camilleri li sar Surmast tal-Iskola u jien li tgħallimt il-ħjata, u iktar tard – Saċerdot. Kien għadha l-Mellieħa ma qabditx ir-rotta t'iktar tagħlim fi skejjel għoljin barra mill-Mellieħa. Is-subien u l-bniet, kienu jwasslu sa *Standard 6*, u iktar tard sa *Form 5*, u joħorġu għax-xogħol. Jien stess, meta kont is-Seminarju, u anke wara, kont għadni dejjem nittallab xi ħaġa tal-flus minn għand missieri – għax, dak iż-żmien, ma kellna xejn x'jagħmel tajjeb għall-għejxien. Faqar konna, imma għexna ħajja sempliċi, xejn ikkomplikata u wieħed kien kuntent bil-ftit.

Minn irġiel bdiewa, sajjieda u oħrajn tas-sengħa, nibtu żewġ Baned fil-Mellieħa: il-"La Vittoria" fl-1907 u l-"Imperial" fl-1930. Tgħallmu, għamlu sagrifiċċji kbar biex xtraw l-istrumentaturi, biex ħallsu l-kera tal-postijiet fejn kienu jiltaqgħu, imma waslu daqs baned oħra f'Malta u Għawdex. Għamlu ħafna bravuri u t-tnejn tellgħu programmi li bihom taw gost lill-udjenzi – kemm fil-Mellieħa, kemm f'Malta u Għawdex u kemm barra minn Malta. Għal żmien twil, dawn iż-żewġ Baned Melleħin, kienu l-akbar rikreazzjoni għall-Melleħin, meta kienu jsiru programmi fuq il-planċier – fil-Pjazza tal-Parroċċa, jew ħdejn l-Għassa tal-Pulizija. Fortunatament, b'sodisfazzjon għall-Melleħin kollha, dawn iż-żewġ Baned, għadhom sal-lum, jipperfezzjonaw fid-daqq tagħhom u fil-kooperazzjoni ta' bejn iż-żewġ Soċjetajiet.

Iżda n-nota dominanti tal-Poplu tal-Mellieħa kienet li: ma jfallux mhux biss il-Quddiesa tal-Ħadd u tal-Festi kmandati, imma jekk jista' jkun lanqas il-Quddies ta' matul il-ġimgħa qabel ma jmorru għax-xogħol. U l-vista lill-Madonna, meqjuma fis-Santwarju tagħha tal-Mellieħa, speċjalment nhar ta' Ħadd, wara li n-nies ikunu semgħu t-tifsira tal-Katekiżmu fil-Knisja Parrokkjali l-Ħadd filgħaxija u tkun ingħatat il-Barka Sagramentali. Lanqas din il-vista ma kienet titħalla barra. Dan kien juri kemm kellhom devozzjoni kbira l-Melleħin fil-Madonna, u x'fiduċja kbira fl-interċessjoni tagħha!

